GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Index No: ___________________**

------------------------------------------------------------✂------------------------------------------------------------

**Il-kandidat m'għandux jikteb ismu fuq l-ebda paġna tal-karta tal-eżami.**

**Il-kandidat għandu jikteb l-*Index Number* darba BISS fl-ispazju pprovdut hawn fuq.**

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Uffiċjal Korrettiv mal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi

## ĠUNJU 2025

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Data:** **It-3 ta' Ġunju 2025**

**Ħin:** **09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)**

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet: Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fl-ispazju pprovdut fuq il-karta tal-eżami.**

**Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari**
**Taħriġ 1: Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet fuqha kif mitlub. (20 marka)**

## It-Teatru Manoel

It-Teatru Manoel huwa wieħed mill-eqdem teatri operattivi fid-dinja u huwa meqjus bħala monument nazzjonali. Inbena fl-1731 fuq l-ordni tal-Gran Mastru, Antonio Manoel de Vilhena, li xtaq jipprovdi spazju għal divertiment onest tal-pubbliku, kif ukoll irawwem il-kultura f'Malta. Dan il-bini storiku huwa l-aktar eżempju importanti ta' teatru barokk fil-gżejjer Maltin, b'disinn arkitettoniku uniku u akustika straordinarja.

Manoel de Vilhena ħoloq it-teatru bħala mod biex itejjeb il-livell kulturali u intellettwali tal-pajjiż. Huwa mifhum li għall-bini tat-teatru, De Vilhena uża l-fondi personali tiegħu, u għalhekk ingħata ismu. Il-bini nbena f'post strateġiku fil-qalba tal-Belt Valletta, u l-arkitettura tiegħu tirrifletti l-istil tradizzjonali tal-belt Barokka, b'attenzjoni speċjali għad-dettall u d-dekorazzjoni elaborata.

It-Teatru Manoel għandu faċċata sempliċi, iżda l-intern huwa magħmul bi ġmiel maestuż. Is-sala ewlenija hija f'forma ta' fergħa tal-lewż, stil li kien popolari f'dak iż-żmien, u hija mdawra b'loġoġ tal-injam iddedikati lill-aristokrazija tal-Ordni. Dawn il-loġoġ huma mżejna b'ċintorini tal-fidda u għamara fina. Il-pittura tas-saqaf u l-kulur tad-deheb u l-aħmar jagħtu sens ta' grandjożità lir-rokoko barokk, waqt li l-irtokki moderni jżommu l-essenza oriġinali tat-teatru.

L-akustika tat-teatru hija waħda mill-aqwa fir-reġjun, li tagħmilha ideali għall-preżentazzjonijiet ta' opera, mużika klassika u drammi. Għandu kapaċità ta' madwar 600 persuna u għalkemm jista' jidher żgħir, l-intimità tiegħu u l-akustika ħolqu fama kbira internazzjonali.

Fl-aħħar mill-aħħar, it-Teatru Manoel huwa wieħed mill-akbar simboli tal-kultura u l-istorja Maltija, ċentru vibranti tal-arti, u teżor nazzjonali li jkompli jispira ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri.

**Il-mistoqsijiet.**

1. Għaliex il-Gran Mastru Vilhena bena dan it-teatru? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

2. Fuq liema stil hu mibni t-Teatru Manoel? (marka)

______________________________________________

3. Xi tfisser il-frażi 'f'**post strateġiku fil-qalba** tal-Belt Valletta'? (2 marki)

______________________________________________

4. Agħżel it-tweġiba t-tajba minn dawn:

i) It-Teatru Manoel għandu faċċata sempliċi u l-intern huwa
   a) grandjuż.
   b) sempliċi wkoll.
   ċ) pompuż iżżejjed. (marka)

ii) Fost affarijiet oħra, l-akustika fit-Teatru tagħmlu
   a) attraenti għal produzzjonijiet lokali.
   b) famuż lokalment kif ukoll internazzjonalment.
   ċ) storbjuż aktar milli suppost. (marka)

5. Imla l-vojt tat-tabella li ġejja b'informazzjoni li ssib mis-silta skont l-eżempju. (6 marki)

| | | **L-informazzjoni fis-silta marbuta man-numru jew mal-frażi/kelma.** |
|---|---|---|
| **Eżempju** | Gran Mastru | Antonio Manoel De Vilhena. |
| 1 | 1731 | (2) |
| 2 | 600 | (2) |
| 3 | sala ewlenija | (2) |

6. Kompli dawn is-sentenzi billi tagħti t-tweġiba **fi kliemek** mis-silta li qrajt:

i) Il-loġoġ huma mżejna b'ċintorini tal-fidda u ____________________. (marka)

ii) L-akustika tat-Teatru hija waħda mill-aqwa fir- ____________________. (marka)

iii) It-Teatru Manoel hu ____________________ li jispira ħafna nies. (marka)

7. Skont l-awtur, it-Teatru Manoel huwa wieħed mill-akbar simboli tal-kultura u l-istorja Maltija. Ikteb **madwar 40 kelma** biex tgħid il-fehma tiegħek għaliex huwa meqjus hekk. (4 marki)

____________________

____________________

____________________

____________________

**Taħriġ 2: Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha fuqha. (30 marka)**

## Louis XVI, l-aħħar Re Franċiż

Louis XVI[1], l-aħħar Re ta' Franza, kellu ħajja mimlija avvenimenti drammatiċi li wasslu għall-waqgħa tal-monarkija Franċiża u l-bidu tar-Rivoluzzjoni Franċiża. Huwa twieled fit-23 ta' Awwissu 1754, ġewwa l-Palazz ta' Versailles. Kien it-tielet iben tad-Duka ta' Lussemburgu, u kif miet ħuh il-kbir fl-1761, Louis sar l-eredi tal-Kuruna.

Fl-1770, Louis iżżewweġ lil Maria Antonietta, Arċidukessa tal-Awstrija. Dan iż-żwieġ kien parti minn alleanza politika bejn Franza u l-Awstrija. Għalkemm iż-żwieġ kien ikkritikat għall-ewwel, maż-żmien kellhom diversi wlied, għalkemm mhux kollha għexu sa ma kibru.

Louis XVI sar Re fl-1774, meta kellu biss 20 sena, wara l-mewt ta' zijuh, ir-Re Louis XV. Żmien is-saltna tiegħu kien mimli sfidi ekonomiċi, finanzjarji, u soċjali. Il-pajjiż kien mgħobbi bid-dejn, l-aktar wara l-gwerra tal-Indipendenza Amerikana, li Franza appoġġjat bis-sħiħ.

Ir-Re Franċiż ipprova jimplimenta xi riformi finanzjarji u agrarji biex itejjeb is-sitwazzjoni tal-pajjiż, iżda l-oppożizzjoni mill-aristokrazija u l-parlamenti lokali sfidaw l-isforzi tiegħu. Il-poplu Franċiż kien qed ibati ġuħ kbir u inugwaljanzi soċjali, li bdew joħolqu tensjonijiet kbar bejn il-klassi għanja aristokratika u l-poplu magħkus.

Fl-1789, il-kriżi ekonomika wasslet biex il-poplu Franċiż irvella kontra l-monarkija. Twaqqfet l-Assemblea Nazzjonali u l-famuż ħabs Bastille ġie invadut u mirbuħ mill-poplu; ġrajja li llum titqies bħala x-xrara li tat bidu għar-Rivoluzzjoni Franċiża.

Ir-Re Louis XVI ipprova jikkollabora mal-Assemblea Nazzjonali, iżda t-tensjonijiet baqgħu jiżdiedu. Fl-1791, ir-Re u l-familja tiegħu ppruvaw jaħarbu minn Franza, iżda nqabdu fil-belt ta' Varennes. Dan it-tentattiv kisser aktar il-fiduċja tal-poplu fir-renjanti tiegħu, tant li sena wara, fl-1792, il-monarkija ġiet abolita u minflokha twaqqfet ir-Repubblika Franċiża. Ir-Re Louis XVI ġie akkużat bi tradiment tal-pajjiż u tal-poplu u tressaq quddiem il-Qorti Rivoluzzjonarja. Huwa nstab ħati u ġie kkundannat għall-mewt.

Fil-21 ta' Jannar 1793, ir-Re Louis XVI ġie maqtul fuq il-giljottina fi Place de la Révolution, illum Place de la Concorde, f'Pariġi. Skont storja magħrufa, wieħed mill-arloġġi tar-Re Louis XVI (li llum jinsab esebit fil-Louvre) waqaf jaħdem eżatt fil-mument meta r-Re inqatel. Għalkemm dan jista' jkun aktar leġġenda milli fatt, l-idea tal-arloġġ li waqaf huwa simbolu tal-qerda tal-monarkija Franċiża u l-bidu ta' bidla radikali fil-politika Franċiża u dik Ewropea.

[1] XVI tfisser 16.

Il-ħakma tar-Re Louis XVI hija meqjusa bħala simbolu taż-żmien ta' bidliet kbar. Għalkemm ħafna jikkritikawh għan-nuqqas ta' kuraġġ li wera meta baqa' qatt ma ħa deċiżjonijiet importanti, oħrajn jemmnu li kien vittma taċ-ċirkostanzi u taż-żmien ta' bidliet rivoluzzjonarji.

**Il-mistoqsijiet.**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

a) Din is-silta hija fuq

i) tmiem ta' sistema politika.

ii) ir-rabta li Franza għandha ma' Malta.

iii) is-suċċessi kbar li kellu r-Re Louis XVI. (2 marki)

b) Iż-żwieġ ta' Louis XVI ma' Maria Antonietta kellu l-iskop li

i) jagħmel lir-Re Louis XVI kuntent.

ii) isaħħaħ ir-relazzjoni politika bejn Franza u l-Awstrija.

iii) jwaqqaf il-gwerra tal-Indipendenza tal-Amerka. (2 marki)

2. Immarka b'ċirku jekk hux **Veru** jew **Falz**. (6 marki)

i) Ir-Re Louis XVI kien it-tieni wild tad-Duka ta' Lussemburgu. **VERU/FALZ**

ii) Matul ir-renju tiegħu, ir-Re Louis XVI kellu jħabbat wiċċu ma' ħafna problemi biex imexxi. **VERU/FALZ**

iii) Il-familji għonja u l-membri tal-parlament ħadmu id f'id mar-Re Louis XVI biex iwettaq ir-riformi li xtaq. **VERU/FALZ**

3. X'wassal lill-poplu biex iqum u jirribella kontra l-monarkija? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

4. X'tifsira għandu l-ħabs Bastille llum f'moħħ l-istoriċi? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

5. X'wassal biex il-poplu Franċiż tilef il-fiduċja għalkollox fil-familja rjali tiegħu? (2 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

6. X'jingħad fuq li ġara lill-arloġġ tar-Re Louis XVI dakinhar li spiċċa fuq il-giljottina? (2 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

7. X'inhi l-fehma tiegħek fuq dak li jingħad fuq l-istorja tal-arloġġ tar-Re Franċiż? (3 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

8. Ikteb fil-qosor iż-żewġ opinjonijiet opposti li jissemmew fl-aħħar paragrafu tas-silta fuq il-karattru tar-Re Louis XVI. (4 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

9. Minn dak li qrajt fis-silta, ikteb paragrafu ta' **madwar 40 kelma** biex tiddeskrivi l-qagħda soċjali Franċiża fi żmien ir-Re Louis XVI. (5 marki)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**Taqsima B: Il-Kitba**

**Taħriġ 1: Il-Kitba ta' Rapport** **(10 marki)**

Ikteb rapport ta' bejn **70 u 80 kelma** fuq **WIEĦED** minn dawn it-titli.
a) Int kont l-Uffiċjal responsabbli minn grupp ta' persuni f'detenzjoni matul ġimgħa ta' sessjonijiet informattivi organizzati u ffukati fuq ir-rijabilitazzjoni tagħhom. Ikteb rapport biex tiddeskrivi kif żvolġiet din il-ġimgħa.

*JEW*

b) Bħala Uffiċjal Korrettiv, intlabt biex tikteb rapport dwar inċident mhux tas-soltu li seħħ fiċ-ċentru fejn taħdem. Ikteb dan ir-rapport biex tispjega d-dettalji ta' dak li ġara.

***Dawwar il-paġna.***

**Taħriġ 2: Il-Kitba ta' Email** **(40 marka)**

Ikteb email ta' bejn **180 u 200 kelma** fuq **WIEĦED** minn dawn it-titli:

a) Ikteb email lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi, sabiex tinfurmah b'nuqqasijiet żgħar li ilhom iseħħu fit-taqsima fejn inti sservi, u għaddi xi suġġerimenti biex dawn in-nuqqasijiet jieqfu u ħadd ma jibqa' jbati minnha 'l quddiem.
L-indirizz elettroniku tas-CEO: **ceo.csa@xogħol.com**

*JEW*

b) Ikteb email lill-ħabib tiegħek li qed jinteressa ruħu li japplika għal post ta' Uffiċjal Korrettiv mal-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi, fejn fiha tagħtih għadd ta' raġunijiet għaliex għandu jagħmel dan, u rrakkuntalu esperjenzi pożittivi li għaddejt minnhom int matul il-karriera tiegħek, ħalli tħajru aktar.
L-indirizz elettroniku tal-ħabib: **s.vella@eduk.com**

*Imla l-vojt fit-tabella tal-bidu tal-email u ikteb fil-linja mogħtija.*

Titlu: **a** *jew* **b**

| | |
|---|---|
| Mingħand: | pace@xogħol.com |
| **Lil**: | |
| **Data:** | |
| **Suġġett:** | |

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

___

**Total: 100 marka**

## TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI

PAĠNA VOJTA

**PAĠNA VOJTA**

**PAĠNA VOJTA**